# Ġ 4.2 IT-TEMP



**Ġ4.2.3**

Nifhmu eżempji ħfief ta' riżultati ta' kejl ta' temp.

## A. Wieġeb billi taqta' sing taħt it-tajbin.




1. Illum it-temperatura fid-dell hija **35° C**.
   a) L-istaġun huwa (is-sajf, ix-xitwa)
   b) Il-UV index se jkun (11+, 3)
   ċ) Se nilbes (kowt, flokk ħafif)
   d) It-temp se jkun (sabiħ u xemxi, bix-xita u r-ragħad).
   e) Se (mmorru ngħumu, noqogħdu ġewwa ħabba x-xita).

2. Illum it-temperatura hija **10° C**.
   a) Ninsabu fl-istaġun (tas-sajf, tax-xitwa).
   b) It-temp illum se jkun (sabiħ u sħun, imsaħħab u bix-xita)
   ċ) Il-UV index se jkun madwar (11+, 3)
   d) Nilbes (flokk ħafif, ġakketta ħoxna).
   e) Nixegħlu (l-ħiter, l-fannijiet).

## B. Agħżel it-tajba.



1. Temperatura ta' 35° Celsius tfisser (maltemp, bard, sħana, xita).
2. Temperatura ta' 10° Celsius tfisser (baħar sħun, bard, sħana, sħab).
3. Meta t-temperatura tinżel ħafna, l-ilma jista' jsir (muntanja, silġ, misħun, xmara).

4. Permezz tat-termometru nkejlu (l-qawwa tar-riħ, it-temperatura, id-direzzjoni tar-riħ, id-direzzjoni tax-xita).
5. Fit-termometru jkun hemm likwidu li jissejjaħ (gass, petrol, merkurju, żebgħa).

## Ċ. Ir-Rapport tat-Temp:

It-temp ivarja skont l-istaġuni. Hawnhekk issib żewġ rapporti tat-temp.

Aqra d-dati sew. Wara imla l-vojt.

Agħżel minn dan il-kliem li ġej. Waħda minnhom lesta bħala eżempju.

| | | |
|---|---|---|
| 9 | 10 gradi Celsius | imsaħħab b'xi ħalbiet tax-xita |
| 2 | 34 grad Celsius | ħafif għal moderat mit-Tramuntana |
| 7.9 millimetri | sabiħ u xemxi | qawwi mill-Majjistral |

**Rapport Numru 1**

| | |
|---|---|
| **Data** | **It-Tnejn 10 ta' Lulju** |
| **Temp** | |
| **Riħ** | |
| **Xita** | xejn |
| **Temperatura** | |
| **UV Index** | |



**Rapport Numru 2**

| | |
|---|---|
| **Data** | **il-Ġimgħa 2 ta' Jannar** |
| **Temp** | |
| **Riħ** | |
| **Xita** | |
| **Temperatura** | |
| **UV Index** | |

**D. Dawn li ġejjin kienu t-temperaturi mkejla f'nofsinhar ta' kull ġurnata tal-ewwel ġimgħa ta' Frar.**

**Uża t-tabella biex tikteb VERU jew FALZ.**



| TNEJN | TLIETA | ERBGĦA | ĦAMIS | ĠIMGĦA | SIBT | ĦADD |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 15° C | 20° C | 20° C | 10° C | 17° C | 21° C | 19° C |

1. Is-Sibt għamlet l-iktar sħana mill-ġimgħa kollha __________
2. Il-Ħamis kien iktar ksieħ mill-Ġimgħa __________
3. Is-Sibt kien iktar ksieħ mill-Ħamis __________
4. Il-Ħadd kien jum iktar sħun mis-Sibt __________
5. It-Tnejn kien iktar bard mit-Tlieta __________
6. Il-Ħamis kien iktar bard mill-Erbgħa __________
7. L-Erbgħa ma kienx bard daqs il-Ħamis __________
8. It-Tlieta u l-Erbgħa, it-temperatura kienet l-istess __________

## E. Ir-Rapport tat-Temp



### L-Ewwel Rapport

**It-temp:** Imsaħħab b'ħalbiet iżolati tax-xita li jistgħu jkunu bir-ragħad minn ħin għal ieħor.

**Ir-riħ:** Qawwi mill-Grigal u jilħaq forza ta' riefnu kultant.

**Baħar/Imbatt:** Qawwi mill-Majjistral.

L-ogħla temperatura = 10° Celsius.

L-inqas temperatura = 5° Celsius.

It-temperatura tal-baħar = 15° Celsius.

Aħjar nilbes ġersi oħxon, qalziet twil u ġakketta llum, biex immur l-iskola, u ngħid lil ommi tlestili xi platt sħun u tixgħel il-ħiter. Ftit tal-ġranet ilu kellna l-Milied. Ħadt pjaċir narma l-presepju u ommi sajritilna dundjan mimli u l-kejk tal-Milied. Kienu tajbin!

Liema staġun taħseb li hu?

________________________________________________________________.



### It-Tieni Rapport

**It-temp:** Xemxi li jsir ftit imsaħħab minn ħin għal ieħor.

**Ir-riħ:** ħafif għal moderat minn Nofs in-Nhar għax-Xlokk.

**Baħar/Imbatt:** Moderat b'imbatt baxx minn Nofs in-Nhar.

L-ogħla temperatura = 19° Celsius.

L-inqas temperatura = 10° Celsius.

Temperatura tal-baħar = 16° Celsius.

Hu ftit frisk, imma temp sabiħ għandna. Illum nilbes qmis / blaws bil-komma twila. Qegħdin fir-Randan u dalwaqt ikollna l-vaganzi tal-Għid. Kemm niekol figolli u bajd ta' l-Għid, u kemm ħa nieħu gost immur xi mixja ma' sħabi fil-kampanja, li tkun mimlija bi lwien sbieħ ta' fjuri selvaġġi.

Il-ġurnata twalet mhux ħażin ukoll.

Liema staġun taħseb li hu?

______________________________________________________

**It-Tielet Rapport**



**It-temp:** Xemxi.

**Ir-riħ:** ħafif u Varjabbli.

**Baħar / Imbatt:** ħafif bi ftit li xejn imbatt.

L-ogħla temperatura = 34° Celsius.

L-inqas temperatura = 24° Celsius.

It-temperatura tal-baħar = 26° Celsius.

Uff xi sħana, aħjar qiegħed/a ngħum; bħalissa iżda għandi l-eżamijiet jumejn oħra, u rrid nistudja. Issa nilbes xi ħaġa ħafifa, nixgħel il-fann u niekol ġelat biex niffriska ftit. U iva, dalwaqt jibdew il-vaganzi t-twal u nibda mmur il-baħar kuljum. Ikun hawn ħafna festi wkoll u xi ngħidu għall-frott bħal ħawħ, għajnbaqar, dulliegħ u bettieħ.

Kemm inħobbu l-istaġun ________________________________________!!!

**Ir-Raba' Rapport**



**It-temp:** Waqtiet xemxin li jissaħħab aktar tard.

**Ir-riħ:** Moderat mil-Lbiċ u jdur Majjistral wara nofs innhar.

**Baħar/Imbatt:** Moderat għal qawwi b'imbatt baxx għal moderat mil-Lbiċ li jsir imħawwad.

L-ogħla temperatura = 22° Celsius.

L-inqas temperatura = 14° Celsius.

It-temperatura tal-baħar = 20° Celsius.

Kemm qed jidlam kmieni!! U l-arja bidet tiffriska wkoll. Ser ikolli nilbes xi ġersi ħafif. Ma baqagħlix ħin immur il-baħar għax reġgħet bdiet l-iskola. Iżda nieħu pjaċir nerġa' niltaqa' ma' sħabi. Is-siġar ġa bdew iwaqqgħu l-weraq u l-kampanja niexfa ma tantx tħajjarni mmur xi passiġġata.

Iġri tgħaddi l- ____________________________________________!!!

## F. Imla l-vojt skont l-istampi.

| It-Tnejn | It-Tlieta | l-Erbgħa | Il-Ħamis | Il-Ġimgħa |
|---|---|---|---|---|
|  |  |  |  |  |
| $12^0$ C | $25^0$ C | $27^0$ C | $20^0$ C | $18^0$ C |

1. Ir-________________ tat-temp joħroġ mill-uffiċċju meteoroloġiku.
2. Nhar l-Erbgħa t-temp kien ________________ .
3. L-iktar temp sħun kien dak ta' nhar ________________ .
4. L-iktar temp kiesaħ għamel nhar ________________ .
5. L-Erbgħa għamlet _________________ sħana mit-Tlieta.
6. L-Erbgħa kienet ________________ sħana mill-________________.
7. It-Tnejn, il-________________ u l-________________ kienu bix-xita.
8. Din il-ġimgħa, it-________________ u l-________________ biss kienu ġranet sbieħ.

## Ġ. Aqra, imbagħad wieġeb.

Ir-rapport tat-temp jagħtina informazzjoni dwar it-temp. Jgħidilna kif x'aktarx se jkun it-temp fil-jum li jmiss.

Immarka bis-sinjal (✓) dawk il-**ħames affarijiet** li nistgħu nisimgħu fir-rapport tat-temp.

| | | |
|---|---|---|
| 1. | kemm tkun għamlet xita matul il-jum | |
| 2. | kemm se jkunu l-indiċi UV | |
| 3. | l-aħbarijiet mill-Italja | |
| 4. | il-films li jkunu se jintwerew fiċ-ċinema | |
| 5. | id-direzzjoni tar-riħ | |
| 6. | it-toroq li se jkunu magħluqin minħabba tiswijiet | |
| 7. | it-temperatura matul il-jum u matul il-lejl | |
| 8. | l-inċidenti tat-traffiku li kellna fl-aħħar 24 siegħa | |
| 9. | it-temperaturi f'xi bliet kapitali | |
| 10. | kotba ġodda | |

**G. Wara li taqra d-dati sew, kompli imla dawn iż-żewġ rapporti tat-temp. Agħżel mill-kliem fil-kaxxi.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| 16-il grad Celsius | temp xemxi u sabiħ | 5 mm | 9 |
| 34 grad Celsius | imsaħħab u bix-xita | xejn | 3 |

| | |
|---|---|
| DATA: | is-Sibt 10 ta' Frar |
| TEMP: | |
| RIĦ: | qawwi mill-Majjistral |
| XITA: | |
| INDIĊI UV | |
| TEMPERATURA | |



| | |
|---|---|
| DATA: | il-Ħadd 8 t'Awwissu |
| TEMP: | |
| RIĦ: | ħafif mix-Xlokk |
| XITA: | |
| INDIĊI UV | |
| TEMPERATURA | |

**GĦ. Aqta' sing taħt ir-risposti t-tajbin.**



1. Fir-rapport tat-temp ikollna informazzjoni dwar (l-irħula Maltin, il-ħin li fih titla' x-xemx, il-muntanji, id-deżert).

2. Mod kif it-temp jaffettwalna ħajjitna huwa (fl-ilbies li nilbsu, liema gazzetta naqraw, kif naħsbuha, nużawx emails jew il-posta).

3. Temperatura ta' 10 gradi Celsius hija temperatura (tas-sajf, tal-ħarifa, tax-xitwa, għolja).

4. Malta għandha klima Mediterranja. Dan ifisser li (ix-xita tagħmel l-iktar fix-xitwa, fis-sajf tinżel il-borra, fir-rebbiegħa jkollna s-silġ, fix-xitwa l-baħar isir silġ).

## Ħ. Niktbu ftit



Ikteb ftit sentenzi fuq liema żmien/ staġun joġgħbok l-aktar.

Għid għaliex joġgħbok dan iż-żmien, kif ikun it-temp u kif l-aħjar li nilbsu.